# L-AĦBAR

PROVINĊJA FRANĠISKANA TA' SAN PAWL APPOSTLU, MALTA. No. 89 01.02.2004



*Xogħol ta' Ġanni Bonnici, fil-knisja ta' Santa Marija ta' l-Anġli, Baħar iċ-Ċagħaq*



Fra Noel Muscat ġie magħżul mid-Definitorju Ġenerali bħala l-Assistant Viżitatur ta' Fra Stefano Ottenbreit, l-ex-vigarju ġenerali ta' l-Ordni, li hu l-Viżitatur tal-Kustodja ta' l-Art Imqaddsa. Il-Kustodja għandha 310 aħwa, imxerrdin f'ħafna kunventi f'Israel, it-Territorji Awtonomi Palestinjani, l-Eġittu, il-Ġordanja, is-Sirja, il-Libanu, Ċipru, Rodi, Milan, Ruma, Napli, Palermo, Madrid, Washington, Buenos Aires, u Montevideo. Ara rapport sħiħ fl-aħħar paġna.



F' DIN IL-ĦARĠA

FRAR 2004


| | |
|---|---|
| Intervista mal-Ministru Ġeneral | 2 |
| Għal din is-sena u… | 4 |
| Il-Papa dwar l-Ewkaristija u l-Eżempju ta' Santa Klara | 6 |
| 80 Sena ta' Ħajja Kontemplattiva | 9 |
| Direttorju | 11 |
| Fraternitas | 15 |
| Funeral ta' Fra Guillermo Salgado | 19 |
| Mill-ġurnali | 20 |
| Festa | 21 |
| Informazzjoni | 22 |
| Kalendarju | 23 |



EDITUR

fra marcellino micallef ofm
provofm@vol.net.mt


**Interview With Fr. José Rodríguez Carballo, OFM, Minister General**

# What the Friars Minor Are Facing

MADRID, Spain, JAN. 18, 2004. The new minister general of the Order of Friars Minor hopes to emphasize the basics of the charism inherited from St. Francis.

In this interview, Father José Rodríguez Carballo talked about the challenges the Franciscans are facing.

*Q: What is your assessment of these months as superior of the order?*

Father Rodríguez Carballo: The assessment is highly positive because I have seen the Lord's hand in the order. I see that it enjoys good health, that it continues to work intensely to rediscover the essential elements of the Franciscan vocation and to put them into practice. …

*Q: What are the goals and priorities of your government during these six years of office?*

Father Rodríguez Carballo: The goals for this six-year term were set forth by the 2003 Pentecost General Chapter -- as we call it -- when I was elected minister general.

It is a question of returning to the essential elements of our charism, and of living and interpreting them in the light of the needs of today's world.

The priority is to refound the order in the sense of returning to the essential, in the light of events in the world: fraternal life; the life of minority and solidarity with the poorest, evangelization, the experience of God and, for all this, formation and studies are necessary.

We believe that the world is calling for solid formation at the human, spiritual, Franciscan and intellectual level. We must live in the 21st century by promoting holiness of life and science, the pillars of our order.

*Q: What is the meaning of the concept "minority" for Franciscans?*

Father Rodríguez Carballo: Minority means to be at the service of men, of the people. We have been and want to be "friars of the people," to be close to people, especially simple people; not as someone with power or privileges, but being the last among the least.

*Q: Does the Order of Friars Minor have the same problem of lack of vocations as other religious orders and*

*congregations?*

Father Rodríguez Carballo: The crisis in Spain is due to very many factors, and not to the lack of testimony. But at the general level, the order enjoys good health. We have an average of 650 novices every year, and vocations are growing in Latin Americas, Eastern Europe, Africa and Asia.

I am not even worried about the numerical level. I believe that religious life should not be judged by numbers, nor should the vitality of the Franciscan Order or of the Church. What is important is that the quality of that life not diminish.

*Q: The Franciscan family is made up of several branches of priests, religious and lay people. What unifies them?*

Father Rodríguez Carballo: In the course of history, various branches were born for the sole purpose of being ever more faithful to St. Francis' charism. Brother priests and lay people in all branches are united by three vows and the value of fraternity beyond the option of being priests or lay people. We are brothers; that is why our constitutions make it clear that we are all equal, because we are brothers with the same obligations and we benefit equally from the possible advantages of our life.

*Q: Would you like to add anything?*

Father Rodríguez Carballo: I want to affirm our commitment as an order, of continuing to work in the line of Francis and all the friars in the course of these 800 years of the order -- to witness to the Gospel especially among the poorest, the simplest and the least.

As I have already said, we want to continue to be the friars of the people, to live the Gospel in union with the Church.

And, above all, I wish to reaffirm our commitment to be instruments of peace, reconciliation and dialogue, especially in countries of Muslim majority, where we have been since the time of St. Francis and, in particular, in the Holy Land, which is going through a difficult time and where we are custodians of the holy places.

In this connection, we are seriously committed to the peace process, promoting reconciliation, dialogue and meetings between the peoples of that area.

**FORMAZZJONI PERMANENTI**

**Nisimgħu Kelma Matul ir-Randan 2004**

***Is-Sitt Valuri tas-Sinodu Djoċesan***

**Ċentru San Franġisk, Ħamrun**
**4.00 p.m.**

| | |
|---|---|
| Il-Ġimgħa, 27 ta' Frar | Il-Komunjoni |
| Il-Ġimgħa, 5 ta' Marzu | L-Evanġelizzazzjoni |
| Il-Ġimgħa, 12 ta' Marzu | Il-Formazzjoni u d-Djalogu |
| Il-Ġimgħa, 26 ta' Marzu | Il-Qadi u s-Solidarjeta' ma' l-imbegħdin u l-emarginati |

# Ghal din is-sena u…

## DIJONISJU MINTOFF, OFM

**Iz-zmien li ahna fih hu zmien ta' l-ghaggla… zmien tal-heffa f'kollox. Vjaggi li dari kienu jsiru fi hmistax-il gurnata llum isiru f'anqas minn hmistax-il siegha. Bicca xoghol li bl-idejn kienet tiehu xhur illum bil-makni tinhadem f'anqas minn siegha. Ktieb li dari kien jitlob is-snin biex jinkiteb u jixtered illum issibu mieghek fi ftit hin. Il-bniedem sar qisu bla sabar, dejjem imghaggel, dejjem ma jlahhaqx.**

Jerga' bil-heffa fil-vjaggi u l-iktar bil-heffa tal-komunikazzjonijiet, 'il boghod harab mid-dinja u l-pajjizi, ghalkemm eluf ta' kilometri mifrudin minn xulxin, saru donnhom pajjiz wiehed.

Hafna zghazagh li dejjem u kullimkien ihobbu l-gdid u bilhegga taghhom mimlija sahha, jintefghu ghal kull ma turihom il-fantazija, ihaddnu fehmiet li hafna drabi juruk li l-gdid fl-arti, u fil-hajja mhux hlief thewdin tal-mohh u dehriet fiergha tal-hajja nervuza tal-lum.

### Modern? Arti moderna? Partit modern?

X'tifhem b'modern qabel xejn? Din kienet il-mistoqsija li fost hafna ohrajn staqsejna bil-kwiet x'hin maz-zghazagh hassieba taghna ltqajna Hal Far fir-rokna tal-Laboratorju tal-Paci bhassoltu.

X'tifhem b'partit modern?

X'tifhem bil-poezija moderna? X'tifhem b'arti moderna? X'tifhem b'partit modern?

Billi d-dinja tigri malajr jahsbu li kollox tal-bierah ma jghoddx ghal-lum. Anzi jahsbu wkoll li sa ma jigu biex jixjiehu huma kull hidma taghhom tkun imwarrba ghax qdiemet u holqu pittura, skultura, poezija u pulitika li jahsbu li tkun tinghogob fiz-zmien li gej. Sejhu kollox qadim, modern jew futurizmu.

Tkellimna fit-tul. Tkellimna fuq kull laqam ta' arti – medjovali, rinaxximentali ecc. Tkellimna fuq kull laqam ta' poezija – klassika, neo klassika ecc. Tkellimna fuq kull laqam ta' pulitika, monarkika, repubblikana sa tacerjana. Tkellimna fuq kull laqam ta' religjon – minn Trent sa qabel il-Koncilju Vatikan jew wara.

X'sibna?

Sibna li dak li trid id-dinja tal-lum, dak li qed tistenna ma hix arti moderna jew klassika, mhux poezija moderna jew xi haga ohra u mhux partit qadim jew modern… izda arti tajba, poezija tajba, partit tajjeb.

Ghandna bzonn it-tajjeb. It-tajjeb ma tistax tarmih biex tirrangah. It-tajjeb ghandek tibza' ghalih. Ghandek issostnih. Ghandek thaddmu. Mhux kif gie gie jew kif ghandek toghgob lil dak jew lill-iehor.

### Il-Hamrija

M'hawnx haga qadima fid-dinja aktar mill-hamrija. Imma ma tistax tarmiha ghax qadima jew teqridha darba ghal dejjem ghax qadima. Jew tidfinha. Ghandek thaddimha. Ghandek tnaddafha. Ghandek tuza bil-qies ghodda gdida. Ghandek tizra' biex tahsad. Ghandek tkun taf taqra t-temp tal-lum u izjed it-temp ta' ghada biex la tahli u anqas tbiddel fehmtek. Tharisx lejn l-ghalqa ta' pajjiz iehor jew ta' hafna pajjizi. M'hemmx klima internazzjonali ghal kull ghalqa lokali. Imma hemm it-tajjeb internazzjonali.

### Nipproponu…

Meta gejna biex nitkellmu fuq sena gdida, bhala Maltin wasalna biex ma nithaddtux fil-plural biex ma nistennewx kollox minn haddiehor jew nistriehu fuq haddiehor. Ghalhekk kull wiehed qal:

Nipproponi li nfarrag l-imnikkta. Dan il-proponiment jitlob l-aktar haga mkasbra fis-socjetà taghna. Tfarrag l-imnikket ma jfissirx tibni stampa sabiha ta' xi eroj li jaghti soluzzjoni ta' sahhar. Ma tfissirx li tressaq in-niket fuq il-palk u tumiljah billi ggieghlu juri fuq il-palk li ma jafx lil missieru jew li ma jafx jimxi. Programmi fuq kull televixin biex noffru lil xi marid vjagg ghal Lourdes (Tista' Tkun Int… Nies ta' Veru… Stejjer).

Jew tohloq imperu politiku jew imperu tal-medja fuq dan. Ma jfissirx li kulhadd ghandu jkun jaf li l-kumpanija offrietlek cekk biex thallas it-tebut ta' martek li mietet b'incident u taghmel reklam fittizju ta' kemm il-kumpanija thobb lill-haddiema taghha. Reklam fuq in-niket u l-gwaj ta' haddiehor.

Infarrag l-imnikket infisser li

nkun spalla li maghha jista' jibki. Imma mhux dan biss. Imma xi haga aktar importanti. Irrid ukoll inkun bastun li nghinu biex jerga' jqum fuq saqajh.

Ma jfissirx li naghtih ghajnuna ta' mument. Naghtih huta meta hu bil-guh. Imma naghtih qasba halli hu jikseb il-hut. Ma jfissirx li nkun maktur biex fil-knisja, jew pjazza, jew f'union noqghod nixxuttalu d-dmugh, imma niggieza li ngieghlu jahseb fuq il-kawzi tal-gwaj tieghu… li nghallmu fuq id-drittijiet li suppost ghandhom jigu rispettati u kif jista' jiksibhom.

Nipproponi li nhenn. Inhenn ma jfissirx naghti miz-zejjed biex intaffi l-kuxjenza. Nara x'ghandi zejjed fil-gwardarobba. Imma nara li min qed ibati jiehu dak li haqqu. La Alla u anqas in-natura ma kitbu li dak jew l-iehor ghandhom ibatu. Konna ahna li cahhadniehom ingustament id-dinjità taghhom.

Nipproponi li jkolli l-ghatx ghal gustizzja u s-sewwa. Ghatx li jkiddni ghal min ikollu d-drittijiet imkasbra u ma ghandux vuci li flok nidhol ghalih b'kull rieda, intelligenza u esperjenza jew sahha inhallih jeghreq wahdu fl-ingustizzji u naljenah bil-bini ta' knejjes godda, headquarters, swali ecc biex inkun nista' naqbez ghalih ahjar u nghinu ahjar.

Anqas baqghalna ghatx ta' gustizzja meta anke d-drittijiet taghna stess huma mkasbrin. Jispiccaw niesna minn fuq ix-xoghol u nkellmuhom fuq id-dejn nazzjonali – problema tal-pajjiz – meta hadd minn dawn ma kellu htija fil-gliegel ta' hela li bih tkabbar dan id-dejn. U tara l-kuntrast ta' protesti jew ittri



fil-gurnali ghax tbiddel triq ta' purcissjoni jew marc ta' festa, jew nies idoqqu l-hornijiet u jigru bil-borom ghax inqata' xi jumejn id-dawl jew l-ilma.

Tezisti wkoll passività kbira minhabba l-isfiducja fl-istituzzjonijiet tal-knisja, unions jew partiti. Sar accettat il-gideb, in-negligenza, l-indifferenza, id-diskriminazzjoni. Sar kollox permissibbli. L-aqwa li jkollna success fis-Sinodu ta' mitt kummissjoni, b'mitt isem differenti ta' professuri, lekcerers, manigers, organizzaturi ta' seminars fl-aqwa lukandi u b'mijiet ta' familji u nies li ma nafuhomx ghax ma rriduhomx. L-aqwa li jkollna success fil-festa bil-kardinali u ministri u deputati f'kull opportunità fejn hemm ritratt. L-aqwa li jkollna konferenza generali mimlija xeni, armar, fjuri, ambaxxaturi u mistednin. L-aqwa li nirbhu l-elezzjoni.

Ma baqax ukoll ghatx ta' gustizzja minhabba individwalizmu estrem li nahdem sakemm jien tajjeb u sakemm jien minn fuq. Konsumerizmu li nuri bi bzonn dak li mhux ta' bzonn… nepotizmu li jehlisna minn qabel minn kull saram li jkun gej fuq azjenda, kumpanija, skola. Legalizmu falz u farizew ta' regoli, kanoni, ligijiet fejn jaqbel lilna u lil min hu maghna.

**Insofri minhabba fis-sewwa**

Nipproponi li nsofri minhabba fis-sewwa. Ma nghix bil-miftuh u ma noffendix opinjonijiet ta' politika differenti ghax mhux agir demokratiku, imma jekk ma nsibx xoghol qabel nirghan il-vot tieghi, allura nirghanu.

Nipproponi konversjoni, jigifieri li nibdel id-dinja ta' madwari bil-mod li nghix billi immantni l-gustizzja akkost li nbati. Akkost li ma nitla' qatt targa jew tnejn minn fuq dahar haddiehor.

Akkost li tbati donnha thassret mill-katekizmu ta' kulhadd. Donnu li tirnexxi fil-hajja sar l-ikbar kmandament. Donnu m'ghadhiex tghodd il-weghda ta' Gesù Sidna li jekk taghmel is-sewwa ssib min jobghodok fost shabek.

Dan il-proponiment li se naghmel jien u se jaghmlu shabi tal-Laboratorju tal-Paci. Din l-isfida li ghandna quddiemna. SFIDA LI MA TINTLAHAQX bis-sahha ta' xi pultruna gholja. Ma tintrebahx bil-voti b'semplici elezzjoni jew b'maratoni televizivi. Mhux ghal din is-sena l-gdida jew ghal ta' warajha imma ghal kemm indum haj. U nitlob '1 Alla jghini u lil San Frangisk ikattar.

# Il-Papa dwar l-Ewkaristija
## *u l-Eżempju ta' Santa Klara*

MARIE CARMEL SALIBA OSC

F'Ħamis ix-Xirka 2003, fil-25 Sena tal-Pontifikat tal-Papa Ġwanni Pawlu II u fis-Sena tar-Rużarju, il-Papa ffirma l-Enċiklika 'ECCLESIA DE EUCHARISTIA'. B'hekk huwa kompla mal-wirt li ħ alla lill-Knisja fl-okkażjoni tal-Ġublew tas-Sena 2000 bl-Ittra Appostolika 'Novo Millennio Enuente' u f'Ottubru 2002 permezz ta' l-Ittra Appostolika 'Rosarium Virginis Mariae'. Il-Papa qasam din ir-riflessjoni Ewkaristika profonda mal-Knisja kollha b'radd ta' ħajr lill-Mulej għad-don ta' l-Ewkaristija u tas-Saċerdozju : 'don u misteru'.

### Xi punti li laqtuni mill-Enċiklika dwar l-Ewkaristija

Il-Knisja tieħu l-ħajja tagħha mill-Ewkaristija. Fl-Ewkaristija hemm il-ġid kollu spiritwali tal-Knisja : Kristu nnifsu. L-Ewkaristija hija teżor imprezzabbli. Fis-Sagrifiċċju tal-Quddiesa, Kristu joffri lilu nnifsu b'don lil Missier għas-salvazzjoni tagħna. Il-Quddiesa la żżid u lanqas timmultiplika s-sagrifiċċju tas-Salib u l-misteru tal-Qawmien, imma tagħmilhom preżenti. L-Ewkaristija għandha karattru universali u kosmiku. Tgħaqqad l-art mas-sema. Hija l-għana mill-aktar prezzjuż li għandha l-Knisja fil-vjaġġ tagħha tul l-istorja. Dan il-ħobż ħaj huwa l-għajxien li jagħti l-ħ ajja lill-Knisja u li jibni lill-Knisja permezz tat-Tqarbin.

L-Adorazzjoni Ewkaristika

Il-Papa jżid jgħid li l-qima ta' l-Ewkaristija barra l-quddiesa hija ta' valur bla qies għall-ħajja tal-Knisja. Li tgħaddi l-ħin ma' Ġesu' fl-Ewkaristija u tħ oss l-imħabba bla tarf li hemm fil-Qalb ta' Ġesu' huwa pjaċir. Li titkellem ma' Ġesu', li tagħmel l-adorazzjoni fis-skiet b'imħabba mill-qalb quddiem Kristu fis-Sagrament ta' l-Altar huwa wkoll bżonn. Il-Papa jistqarr li l-esperjenza personali tiegħu hi li mill-Adorazzjoni Ewkaristika huwa jikseb qawwa, faraġ u appoġġ. Din il-prattika hija mfaħħra u rakkomandata mill-Maġisteru u mwieżna mill-eżempji tal-qaddisin.

### L-Eżempju ta' Santa Klara ta' Assisi

Santa Klara ta' Assisi (1193-1253) hija l-Omm u l-Fundatriċi tas-Sorijiet Klarissi. Din is-sena, hija tagħlaq 750 sena mid-dħul tagħha fil-glorja tas-sema. Sa mis-Seklu 13, ikoni tal-qaddisa juruha qed iżżomm f'idha pissidi f'atteġġjament ta' adorazzjoni umli. F'ikonografija li dehret aktar tard, hija qed iżżomm f'idha l-ostensorju. Imma fi żmien Santa Klara, l-ostensorju kien għadu ma bediex jintuża. Dan is-simbolu tal-ħajja spiritwali ta' Klara juri li f'għajnejn in-nies ta' żmienha, l-adorazzjoni ta' Kristu moħbi taħt l-Ispeċi Ewkaristiċi kienet nota dominanti fil-ħajja kontemplattiva tagħha. Fil-fatt, l-Adorazzjoni Ewkaristika kellha post importanti fil-ħajja spiritwali tal-Knisja fil-bidu tas-Seklu XIII u dan wassal biex fl-1264 il-Papa Urbanu IV approva uffiċċjalment l-festa tas-Santissimu Sagrament.

### Il-Fidi Qawwija ta' Santa Klara fl-Ewkaristija

Santa Klara kellha fidi qawwija u fiduċja sħiħa f'Ġesu' fl-Ewkaristija. LejĦ kienet tirrikorri kuljum u f'kull bżonn. Fil-Proċess ta' Kanonizzazzjoni, l-ewwel xhud, Sr Pacifica, qalet: 'L-Omm qaddisa kienet titlob kollha ħeġġa u bla waqfien...' Ir-raba' xhud, Sr Amata, stqarret: 'Kienet dejjem mehdija fit-talb u l-kontemplazzjoni. Meta kienet tiġi lura mit-talb, wiċċha kien jidher leqqien, u kien ikun sabiħ aktar mix-xemx. Kliemha kien ta' ħlewwa li ma titfissirx...'

Fil-ħajja ta' Santa Klara niltaqgħu wkoll ma' ġrajjiet mirakulużi li juru l-fidi qawwija tagħha fl-Ewkaristija. Insemmu xi wħud.

- **L-Ikla ta' l-għaġeb**

Is-sitt xhud fil-Proċess, Sr Cecilia, tirrakkonta li darba minnhom, meta kien fadal biss nofs ħobża għ as-Sorijiet kollha - billi n-nofs l-ieħor kien intbagħat lill-patrijiet li kienu jaqdu lis-Sorijiet spiritwalment u materjalment - il-Madre qaltilha biex tqatta' ħamsin porzjon minn dik in-nofs ħobża, u tqassamhom lis-Sorijiet li kienu diġa' ntasbu fuq il-mejda għall-ikel. Imbagħad Sr Cecilia qalet lil Madre Klara : ' Biex jirnexxili noħroġ ħamsin porzjon minn din in-nofs ħ obża, jeħtieġ li jsir il-miraklu ta' meta l-Mulej kattar il-ħames ħobżiet u żewġ ħutiet!' Iżda Santa Klara qaltilha : 'Mur u għamel kif għedlek'. Fil-*Il-Leġġenda ta' Santa Klara Verġni,* Tumas minn Celano jkompli r-rakkont b'dan il-kumment : 'Il-bint ħaffet u marret biex tagħmel il-kmand ta' Ommha, u l-Omm ħaffet tagħmel talbiet ħerqana lil Kristu għal uliedha.' U ġara li l-Mulej kattar dak il-ħobż b'tali mod li hija qattgħet ħamsin biċċa kbira u tajba, kif kienet ikkmandatha tagħmel Santa Klara.

- **Il-Monasteru meħlus mis-Saraċini**

Il-fidi ta' Santa Klara fl-Ewkaristija dehret mill-aktar qawwija f'Settembru 1240 meta t-truppi tas-Saraċini u Tartari fl-eżerċtu ta' l-Imperatur Federiku II marru biex jattakkaw Assisi u daħlu fil-klawsura tal-Monasteru. Is-Sorijiet ġrew imwerwra għand il-Madre Klara li kienet fis-sodda marida serjament. Hija baqgħ et kalma u 'ġiegħelithom iġibuha quddiem id-daħla tar-refettorju, u jġibu l-kaxxa ż-żgħira tal-fidda u l-ivorju li fiha kien jinżamm is-Sagrament Imqaddes ta' Ġisem il-Mulej Ġesu' Kristu. Inxteħtet minn tulha fl-art titlob, u bid-dmugħ f'għajnejha qalet fost ħwejje ġ oħra "Mulej ħares lil dawn il-qaddejja tiegħek, għax jien ma nistax nipproteġihom''.' Dan stqarritu Sr Francesca, it-tmien xhud fil-Proċess ta' Kanonizzazzjoni, li flimkien ma' Sr Illuminata għenu lil Santa Klara biex tinżel quddiem id-daħla tar-refettorju u li kienu hemm qrib tagħha. Sr Francesca kompliet tgħid li imbagħad 'semgħet leħen ta' ħlewwa tal-għaġeb li qal: "Jiena nħ ariskom dejjem''. Klara imbagħad talbet għall-belt u



qalet: '' Mulej, ħa jogħġbok tiddefendi wkoll lil din il-belt''. L-istess leħen reġa' nstema' u qal: '' Il-belt ikollha ssofri ħafna perikli, imma tkun imħarsa''. Imbagħad Klara daret lejn is-Sorijiet u qaltilhom : ''La tibżgħux, għax jien inkun garanti għalikom, biex intom ma ġġarbu ebda ħsara la issa u lanqas 'il quddiem

biex tkunu tistgħu tobdu l-kmandamenti ta' Alla''. Is-Saraċini telqu, imbagħad, bla ma għamlu deni jew ħ sara.'

- **Assisi meħlusa mill-qerda**

Fl-1241, Vitale d'Aversa attakka l-belt ta' Assisi u xi ħadd qal lil Klara li Assisi kienet ser iċċedi. Klara sejħet lis-Sorijiet u qaltilhom : ''Aħna rċivejna ħafna ġid minn din il-belt, u għalhekk aħna fid-dmir li ni-tolbu 'l Alla jħarisha''. Dak in-nhar, is-Sorijiet għ addewh fil-Kappella f'talb umli quddiem l-Ewkaristija, żammew l-astinenza u samu ħobż u ilma. U ġara li l-għada fil-għodu l-armata, imkissra u megħ luba, telqet. (ara Proċ IX, 3)

**Il-Qima kbira ta' Santa Klara għall-Ġisem Imqad-des tal-Mulej Ġesu'**

Fl-aħħar marda tagħha, Klara kienet titlob lis-Sorijiet iqajmuha u jqiegħduha bilqiegħda fis-sodda, u toqgħod tinseġ. Mill-insiġ tagħha, imbagħad, Klara kienet tagħmel ħafna korporali u boroż li jitqiegħdu fihom, miksijin bil-ħarir jew bellus fin ta' kulur aħmar fil-vjola. Bil-kemm kellhom x'jieklu, imma għall-Ġisem ta' Kristu li tant kienu jħobbu u jqimu, Santa Klara u s-Sorijiet riedu jagħżlu l-isbaħ u l-aħjar. Wara li tibgħathom biex jitbierku mill-Isqof, Santa Klara kienet tqassam il-korporali fil-knejjes kollha tal-belt u tad-djoċesi ta' Assisi. (Ara Proċ VI, 14 u Cel 28)

**Il-Klarissi llum**

Tul is-seba' sekli u nofs li għaddew, il-Klarissi mad-dinja kollha komplew bit-tradizzjoni li juru l-imħ abba mħeġġa ta' qalbhom għal Ġesu' fl-Adorazzjoni Ewkaristika. Minbarra l-Liturġija tas-Siegħat u l-Quddiesa, il-Klarissi jagħmlu kuljum mill-inqas siegħ a u nofs talb fis-skiet u adorazzjoni quddiem Ġesu' espost taħt l-Ispeċi Ewkaristiċi. Huma jressqu qud-diem il-Mulej li jħobbna bla qies u li mingħandu nirċievu kull ġid, ix-xewqat u l-bżonnijiet ta' dawk kollha li jixtieqũ li jitolbu għalihom. It-talb tas-Sorijiet Klarissi ma għandux fruntieri u limiti. Huma jitolbu għ all-familji, għall-pajjiż, għall-Knisja u għad-dinja ko-llha. U Alla l-Missier, li jista' kollox, ixerred fuq id-dinja d-doni tal-grazzji tiegħu : ħniena u maħfra, paċi u fejqan. Il-fidi tagħmel tajjeb għal dak li ma jarawx is-sensi u l-qalb imdawwla mill-Ispirtu s-Santu, tara ċar fejn ma twassalx ir-raġuni.




## FORMAZZJONI PERMANENTI

**Fl-okkażjoni tal-festa tal-Konversjoni ta' S. Pawl, Patrun tal-Provinċja u tal-Ministru Provinċjal, nhar is-Sibt 24 ta' Jannar, waqt laq-għa soċjali li saret għall-Aħwa kollha tal-Provinċjal fil-kunvent tal-Belt, Fra Paul Galea qassam kopja tad-dokument *Nerġgħu Nibdew minn Kristu* - Impenn imġedded tal-Ħajja Kon-sagrata fit-Tielet Millenju. Dan id-dokument tal-Kongregazzjoni għall-Istituti ta' Ħajja Kon-sagrata u s-Soċjetajiet ta' Ħajja Appostolika ġie ppublikat nhar id-19 ta' Mejju 2002.**
**Peress li d-dokument jitlob diskussjoni komuni-tarja f'kull sezzjoni tiegħu, Fra William Axiaq OFMCap. ħejja 5 paġni ta' mistoqsijiet.**
**Għodda tajba għall-Kapitli ta' Tiġdid!**

## KAPITLU TA' TIGDID

## SR MARIA ANTONIA (Lucia Tripoli)
## 15-4-1906 – 22-10-2003

# 80 SENA TA' ĦAJJA KONTEMPLATTIVA

MARIE CARMEL SALIBA OSC

**Nhar l-Erbgħa, 22 ta' Ottubru 2003 fl-10.35 a.m. l-għażiża oħtna Sr Maria Antonia qatgħet xewqitha u l-Għarus Divin ġie għaliha fl-eta' ta' 97, wara 80 sena ta' ħajja reliġjuża mal-Klarissi f'Malta u 78 sena ta' professjoni reliġjuża. Hija mietet b'fama ta' soru qaddisa. Kien ilha 14-il sena fis-sodda u mis-sajf 2003 saħħitha bdiet sejra lura. Qabel mietet kien qed jassistiha P Twanny Chircop OFM li kien fil-Monasteru biex iqarar lis-Sorijiet. Fil-ġranet ta' qabel, Sr Maria Antonia rċiviet darbtejn is-sagrament tal-morda mingħand il-Kappillan tagħna P Julian Sammut OFM.**

Signorina Lucia Tripoli twieldet fi Bronte, Sqallija fil-15 ta' April 1906, bint Vincenzo Tripoli u Annunziata mwielda Caraci. Kellha ħuha jismu Alfio. Fl-istorja tal-vokazzjoni tagħha li kitbet hija stess bejn 1985 meta kellha 79 sena u 1987, hija tirrakkonta li ta' 6 snin kienet tixtieq tkun Reli ġjuża bħas-Sorijiet Sależjani li kienet taf. Ta' 11-il sena, saċerdot li marret għandu biex tixtri labtu tad-Duluri ħajjarha ssir reliġjuża u hija dritt iddeċidiet li hekk tagħmel u marret lura d-dar b'emozzjoni qawwija u mbikkija stqarret ma' ommha x-xewqa tagħha.

Ta' 14-il sena ppruvat tidħol mal-Karmelitani f'Palermo imma peress li l-familja tagħha kienet fqira ma kellhiex dota biex tagħmel dan. Għalhekk daħlet mas-Sorijiet tal-Viżitazzjoni f'Palermo bħala soru konversa fit-28 ta' Diċembru 1921. Wara sena u xahar bdiet tħoss li postha kien f'Ordni ieħor. Żammet dan il-ħsieb sigriet imma s-Superjuri tagħha kienu ta l-istess fehma u fil-25 ta' Settembru 1922 bagħatuha d-dar għax deherilhom li għaliha l-ħajja ta' soru konversa kienet iebsa wisq u saħħitha ma kinitx tippermetti.

Ommha kienet mejta, u lura d-dar kienet tieħu ħsieb id-dar, missierha u ħuha Alfio. Aktar tard missierha żżewweġ għat-tieni darba u kellu tfal oħra : Annunziata, Luigina u Giacomo. Lucia kienet tgħallem il-katekiżmu darbtejn fil-ġimgħa u tkanta fil-knisja ma' tfajla oħra. Kienet ukoll tmur il-laqgħat tal-Figlie di Maria u permezz tal-ħ abiba tagħha Skolastika saret taf bil-Klarissi ta' Malta li kien qalilha bihom Patri Kappuċċin. Lucia ddeċidiet li tidħol magħhom u għ alhekk id-direttur spiritwali tagħha kiteb lill-Klarissi f'Malta u Lucia ġiet aċċettata. Dik il-ħ abta fl-4 ta' Ottubru 1922 mietet il-Madre Badessa u Fundatriċi tal-Klarissi f'Malta, Mere Saint Joseph u warajha laħqet Badessa Mere Saint Jean.

Fl-24 ta' Ottubru 1923, Lucia ħalliet lill-familja tagħha fi Bronte, telqet lejn Catania u kompliet sejra Sirakuża biex taqbad il-vapur lejn Malta. Xħin ġiet biex tirkeb il-vapur saret taf li kellha bżonn passaport. Lucia kien mingħaliha li Malta tagħmel parti mill-Italja. Għalhekk il-lejl għaddietu għand waħda Sinjura li tagħha l-konfessur taha l-indirizz tagħ ha f'kas li jinqala' xi ħaġa. L-għada kitbet lill-konfessur biex jagħmlilha passaport u jibgħ atulha u sadanittant baqgħet toqgħod ma' dik is-Sinjura f'Sirakuża. Hija qabdet il-vapur 'Lubiana' lejn Malta fit-28 ta' Novembru 1923 fit-8p.m. u waslet Malta l-għada fil-5.30a.m. fejn sabet jistennewha fix-Xatt tal-Belt żew ġ Sorijiet Klarissi. Hija ġiet milqugħa fil-Kunventin ta' Strada Carmine f'San Ġiljan.

Sena wara, fid-29 ta' Novembru 1924, kellha l-eżami kanoniku mill-Vigarju tar-Reliġjuzi, Mons Luigi Attard, u ħadet il-libsa ta' Soru Klarissa bħala Soru Esterna bl-isem ta' Sr Marie Antoinette Jeanne du Sacre-Coeur. Il-Professjoni Temporanja għamlitha f'idejn il-Madre Badessa Mere Marie Claire fit-3 ta' Diċembru 1925. Kellha 19-il sena.

Wara li kien ilha 5 snin soru esterna u 3 snin professa, ħasset li kellha vokazzjoni ta' soru klawstrali. Daħlet fil-klawsura ta' 22 sena. Kienet il-festa ta' Kristu Re ta' 1928. Hija re ġgħet għamlet il-postulantat u meta fil-11 ta' Frar 1929 ħadet il-libsa bħala Soru tal-Klawsura, l-isem tagħha sar Sr Marie Antoine de l'Enfant Jesus. Sr Marie Antoine kienet sensibbli ħafna u attakkata mal-Madre li kienet ukoll il-Majjistra tan-Novizzi. Imma Ġesu' ħelisha minn dan l-irbit biex tħobb lilU biss. Il-qaddisa preferita tagħha li qaghdet taħ t il-protezzjoni tagħha u ħabirket biex timitaha kienet Santa Tereżina tal-Bambin Ġesu'. Sr Marie Antoine tirrakkonta li għaddiet minn żmien ta' aridita' imma tgħallmet bil-mod tħ obb lil Ġesu' u tagħmel kollox, anke l-iċken servizz għall-oħrajn, b'imħabba għal Ġesu' u b'intenzjoni retta. Bil-permess tal-konfessur hija ħadet vot li tagħmel kollox għall-imħabba pura ta' Ġesu'. Hija kienet toffri s-sofferenza tal-ġisem tagħha b'don ta' mħabba għall-erwieħ tal-purgatorju u għall-midinbin.

F'Diċembru 1985 hija għalqet 60 sena ta' Professjoni. Il-festa ġiet posposta għal wara l-Għid u saret fis-7 ta' April 1986, li ħabtet il-festa tal-Lunzjata. Issa Sr Marie Antoine kellha 80 sena u bdiet tiltewa u tbati bl-artrite. Hija kienet tieħu ħsieb ir-refettorju u tgħin fix-xogħol tal-ħjata. Kienet bniedma kalma u fl-istess ħin bieżla u eżatta fix-xogħol.

F'Jannar 1987 il-konfessur tagħna Fr Raymond Camilleri OFM amministra is-sagrament tal-morda lilha u lil 5 sorijiet oħra anzjani. Sentejn wara, Sr Marie Antoine spiċċat fis-sodda minħabba ferita li kellha f'riġlejha. Din il-ferita damet 3 snin biex fieqet u dawn kienu tliet snin diffiċli ħafna għal Sr Marie Antoine, imma imbagħad aċċettat ir-rieda t'Alla għaliha. Minn ġos-sodda kienet issegwi b'fedelta' l-orarju tal-komunita'. Kienet bniedma interjuri ta' talb. Tassew eżemplari. Bħala xogħol kienet tgħin fit-tiswija tal-ħwejjeġ u tagħmel labtijiet żgħar forma ta' qalb li kienu tant iferrħu lill-benefatturi. Hija qatt ma kienet tgerger, dejjem bi tbissima fuq wiċċha u tilqa' bil-ferħ, b'imħabba u b'xi ċajta lil dawk kollha li jżuruha. Kienet tifraħ b' mod speċjali bis-Sorijiet tan-novizzjat.

Fil-15 ta' April 1996 f'għeluq id-90 sena tagħha ċċelebrajna b'quddiesa ta' radd il-ħ ajr fil-Kor. Għad unur ta' Sr Maria Antonia l-quddiesa kienet bit-Taljan u qaddes P Ġwakkin Grech OFM li wara amministra s-Sagrament tal-Morda lil Sr Maria Antonia u lil 6 Sorijiet oħra anzjani. Fl-għeluq id-93 sena tagħha fil-15 ta' April 1999, fuq xewqa tiegħu stess, in-Nunzju Appostoliku ġdid, Mons Luigi Gatti, ġie jqaddes fil-Kor tagħna quddiesa ta' radd il-ħajr ferrieħi.

Il-funeral ta' Sr Maria Antonia sar il-Ħamis 23 ta' Ottubru fl-4 p.m. u tmexxa mill-Ministru Provinċjal P Pawl Galea OFM. Ħadu sehem ukoll Aħwa Franġiskani, xi saċerdoti u ħbieb tal-komunita' li kienu jafu wkoll lill-maħbuba anzjana tagħna. Hija tinsab midfuna fil-qabar numru 3 fiċ-ċimiterju tagħna fil-ġnien.

**All the camels in the world are not enough to buy a friend.**

# RITRATTI TAL-FUNERAL TA' FRA GUILLERMO SALGADO OFM




Fit-18 ta' Diċembru 2003, erba' t'irġiel armati assaltaw u qatlu lil ħuna Fra Guillermo Salgado, OFM. L-assalt fuq Fra Guillermo sar xi l-10.00 p.m. fid-dar ta' l-anzjani li ġġib l-isem *Paz y Bien* u li tagħha kien d-direttur.

Rapporti jindikaw li huwa ġie attakkat fil-kamra tiegħu. Huwa ssilet mal-ħallelin sakemm b'daqqa b'oġġett iebes ġie mitluf minn sensieh. Huwa instab mejjet b'erba' tiri ta' pistola. L-ewwel tir għadda mill-polz ta' jdejħ u l-balla nstabet mal-ħajt tal-kamra. It-tliet tiri l-oħra ġew sparati f'dahru, f'qalbu u f'għonqu. Anzjan li pprova jgħin lil Fra Guillermo safa ferut. Il-ħallelin telqu mid-dar b'somma ta' $3,000.

Fir-ritratti barra Mons. Robert Camilleri, OFM jidher ukoll Fra Angelo Falzon, OFM.

## THE TIMES, MONDAY, JANUARY 12, 2004

# Tribute to a priest

I came from Malta to Australia many years ago. I am proud of my Maltese heritage and am delighted to read in the local papers about my co-nationals who hit the headlines for the praiseworthy services they perform.
I wish to bring to your notice a veteran Maltese priest who has rendered 50 years of successful pastoral work as chaplain of the Maltese migrants in the US, Canada, and Australia, as parish priest of Australian parishes and as an academic of note.
He is a Franciscan, Fr. Sebastian Camilleri, OFM, formerly of Adelaide SA and presently serving as chaplain of Assisi Centre in Victoria.
Fr. Camilleri has an LTh, an MA and a PhD apart from tutoring experience. A writer of several books, his recent articles of a theological and liturgical nature, published in the cultural-religious magazine D 2000, captured the admiration of clergy, hierarchy and laity alike, Australia-wide. He made an honourable name for himself and for Malta.
Both civic and Church authorities acknowledged with deep appreciation the priestly, literary and social contributions to Church and community and to society iat large Fr. Camilleri tendered with dedication through the years.
In 1981, Fr. Camilleri was on of the first to be honoured with coveted Order of Australia Medal and, in 1997, on his priestly jubilee, he was presented by the South Australian government with singular Gold Medal for outstanding services to the local multicultural Church and society.
Versatile in a number of languages, Fr. Camilleri's articles about current and pertinent topics are well read by many readers.
Fr. Camilleri excelled as a model Maltese priest overseas among migrants, as a worthy ambassador of Malta and as an asset to the Catholic Church. The work of this zealous priest deserves to be promoted and, I dare say he deserves to be promoted and, I dare say, he deserves an award from the Maltese government in recognition of his services to thousands upon thousands of Maltese migrants who always held high esteem his name and work.

Philip Tabone,
Victoria, Australia

---

## KONTRAKURRENT, IN-NAZZJON, IL-ĦAMIS, 1 TA' JANNAR 2004

# Dwar il-klandestini

U fl-aħħarnett tislima lil Patri Dijonisju Mintoff, OFM. Kien ilu sentejn jistinka biex il-klandestini detenuti jingħtaw il-liberta'. Dawn l-isfortunati, Eritrej u Etjopi, maħruġin minn pajjiżhom, kienu talbu stat ta' refuġjati, li nċaħdilhom. Issa ħafna minnhom inħelsu.
Rapport tal-Kummissarju għall-Jeddijiet Umani tal-Kunsill ta' l-Ewropa kien wissa dwar il-mod "xokkanti" ta' kif kienu qegħdin jinżammu dawn in-nies f'Malta.
Detenuti għad hemm oħrajn. Xi wħud qed jinżammu anki fl-Isptar Monte Carmeli.Għad jonqoshom l-interventi ta' l-anġli kustodji.

**Mario Azzopardi**

---



## L-EPIFANIJA GĦAND IL-KLARISSI

Ta' kull sena, fis-6 ta' Jannar, il-Provinċja tiċċelebra l-festa ta' l-Epifanija tal-Mulej għand l-Aħwa ta' II Ordni. Numru tassew sabiħ ta' patrijiet flimkien mas-sorijiet iċċelebraw l-Ewkaristija, li kienet immexxija mill-Ministru Provinċjal Fra Paul Galea, OFM. Fl-omelija huwa saħaq li l-għixien ta' tlett voti hija l-aqwa manifestazzjoni li nistgħu nagħtu ġaladarba aħa gejna kkonsagrati lill-Mulej.

Il-Badessa Rose These Ellis, tkellmet dwar id-don tal-ħajja religjuża u kif il-konsagrazzjoni tagħna tgħaqqadna flimkien. Hija rreċiprokat ukoll ir-radd ta' ħajr għas-servizz u x-xhieda li l-Aħwa qed jagħtu.

# FESTA

## tal-Patrun tal-Provinċja u tal-Ministru Provinċjal



*Nhar is-Sibt 24 ta' Jannar, fil-fraternita' tal-Belt ġiet iċċelebrata l-festa tal-Konverżjoni ta' San Pawl, festa tal-Patrun tal-Provinċja u tal-Ministru Provincjal Fra Paul Galea, OFM. Numru sabiħ ta' patrijiet ħadu sehem f'din il-festa. Il-Ministru Provinċjal f'kelmtejn ta' l-okkażjoni huwa saħaq fuq il-ħtieġa tal-konverżjoni fil-ħajja ta' kull wieħed mill-Aħwa!*












***Mix-xellug għal-lemin:***
Mark Enriquez, Ellia Vella, Ġwann (Feliċjan) Azzopardi, Edward Zammit, Marcellino Meilaq, Ugo Enriquez, Bernard Bartolo, Samwel Abela, Gabriel Micallef. Ġustinu Sciortino, Adjutu Mallia, Eddie (Ewsebju) Pace u Ewġenju Anġlu Fenech

## FORMOLA UNO

Fid-9 ta' Jannar 2004 saret laqgħa ma' Mr. Joe Gerada , Chief Executive SWDP dwar id-Dar Frate Franceso. Għal din il-laqgħa, barra l-Ministru Provinċjal Fra Paul Galea, OFM kien hemm ukoll Fra Ġwann Azzopardi OFM, Retur tal-kappella Beatu Nazju Falzon u s-Segretarju tal-Provinċja Fra Marcellino Micallef, OFM.

Mr. Joe Gerada saħaq li d-dar għalqet b'mod temporanju. In-numru ta' tfal kien dejjem ta' 5 jew 6, li minħabba problemi partikulari lanqas jistgħu jgħixu f'istituzzjoni normali. Kull wie ħed mit-tfal kellu social worker. Għalhekk ġie deċiz li fil-futur qarib id-Dar Frate Franceso se tkun drop in centre, miftuħa bejn 6.00 p.m. u l-11.00 p.m. Se toffri servizz tailor made u ambjent aktar milli programm. Kull tifel ikollu social worker personali, youth worker u l-ikla ta' filgħaxija, filwaqt li matul il-jum se jkun impenjat f'istituzzjoni oħra bħal xogħol u tagħlim ta' sengħa. Għalhekk id-dar mhux se tkun waħda residenzjali, iżda tlett agenziji flimkien l-APPOGG, PROPATION u SEDQA se jinħoloq out reach programm. Matul il-lejl dawn it-tfal se jmorru Osanna Pia jew Suriet il-Bniedem.

## FL-ISPIRTU TA' ASSISI

Wara ċ-ċelebrazzjoni ekumenika li kienet saret fil-knisja tagħna tal-Belt bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet f'ġieħ il-Beatu Nazju Falzon, fl-okkazjoni tal-Ġimgħa ta' talv għall-għqda ta' l-Insara, il-Kummissjoni Ekumenika ta' l-Arċidjoċesi għażlet li tagħmel iċ-ċelebrazzjoni ekumenika li ssir ta' kull sena fil-knisja ta' Santa Marija ta' Ġesu', il-Belt. Din iċ-ċelebrazzjoni ssir darba fi knisja kattolika u s-sena ta' wara fi knisja li mhix kattolika. Meta ssir fi knisja kattolika, il-predikatur ma jkunx kattoliku. Din is-sena wara l-qari tal-kelma ta' Alla ppritka r-Rev. David Morris tal-knisja ta' l-Iskoċċizi. Iċ-ċelebrazzjoni saret bl-ingliz u l-knisja kienet mimlija b' rapprezentanti mid-diversi komunitajiet insara preżenti f'Malta.

Wara ċ-ċelebrazzjoni, kulħadd kien mistieden għal agape fraterna. Il-*ministers* li jiffurmaw il-*Malta Ecumenical Council* ingħataw mill-Gwardjan Fra Anton Farrugia medalja kommemorativa tal-Beatu Nazju Falzon.

Nhar is-Sibt 25 ta' Jannar, fl-istess knisja saret quddiesa bir-Rit Biżantin mill-Arkimadrita Mons. George Mifsud flimkien ma' Fra Anton li għandu l-fakulta' li jqaddes ukoll b'dan ir-rit. Il-quddiesa saret bil-Malti għajr xi ftit kant bil-Grieg. Dawk preżenti ġew mgħotija ktieb biċ-ċelebrazzjoni kollha.

## JGĦIN FIL-VIŻTA KANONIKA TAL-KUSTODJA TA' L-ART IMQADDSA

Fra Noel jinsab f'Ruma, fejn qiegħed jieħu sehem fil-laqgħa tal-Viżitaturi Ġenerali għas-sena 2004 mal-Ministru Ġeneral u d-Definitorju fil-Kurja. Hu se jkun l-Assistant Viżitatur ta' Fra Stefano Ottenbreit, l-ex-vigarju ġenerali ta' l-Ordni, li hu l-Viżitatur tal-Kustodja ta' l-Art Imqaddsa. Fit-2 ta' Jannar it-tnejn li huma kienu Ġerusalem, fejn kell-hom laqgħa mal-Kustodju u d-Diskretorju ta' l-Art Imqaddsa, biex ifasslu program tal-viżta. Il-Kustodja ta' l-Art Imqaddsa hi entità kbira fl-Ordni. Għandha 310 aħwa, imxerrdin f'ħafna kunventi f'Israel, it-Territorji Awtonomi Palestinjani, l-Eġittu, il-Ġordanja, is-Sirja, il-Libanu, Ċipru, Rodi, Milan, Ruma, Napli, Palermo, Madrid, Washington, Buenos Aires, u Montevideo. Fra Noel sejjer jgħin fil-viżta tal-kunventi ta' Israel u l-Ivant nofsani kollu, u f'dawk ta' l-Italja u ta' Washington. Il-viżta se tibda fit-3 ta' Frar bil-kunventi ta' l-Eġittu u tal-Libanu, u tkompli mit-3 ta' Marzu sa l-aħħar ta' Mejju fil-kunventi l-oħrajn kollha. Il-Kapitlu Kustodjali se jibda fil-5 ta' Lulju, u fih se jintagħżel Kustodju ġdid, wara li l-Kustodju attwali, Fra Giovanni Battistelli OFM se jtemm is-sitt snin ta' kariga tiegħu. Fl-istorja tal-Provinċja tagħna kellna Viżitatur tal-Kustodja ta' l-Art Imqaddsa fl-1965, meta Fra Alfons Marija Camilleri kien ġie magħżul bħala Viżitatur tal-Kustodja, u kellu bħala segretarju lil Fra Ivo Tonna.

---

## ŻJARA FRATERNA

**Matul ix-xahar ta' Jannar, il-Ministru Provinċjal Fra Paul Galea għamel żjara fraterna lis-7 fraternitajiet tal-Provinċja f'Malta u Għawdex. Filwaqt li huwa wera l-apprezzament għall-impenn ta' l-aħwa fil-fraternita' u l-ħidma pastorali diversa li qed iwettqu, huwa saħaq dwar il-ħtieġa ta' aktar impenn fil-ħajja tat-talb, biex ma nħallux l-individwaliżmu jfarrak l-ispirtu komunitarju u l-bżonn li nkunu sinjal fis-soċjeta' li aħna foqra tassew. Fi Frar u Marzu, il-Ministru Proviċjal se jżur lill-Aħwa li qed jaħdmu barra minn Malta, jiġifieri l-Ħonduras, il-Kanada u l-Ingilterra.**

## EJJEW NITOLBU

*... għall ħuna li ħalliena*

- Patri Franġisk Grech O.Carm, ħu Fra Jack, li ngħaqad mas-Saċerdot ta' dejjem fl-eternita', fl-eta' ta' 77 sena.

*... għall-ħutna morda u nagħmlu l-ħin inżuruhom*

- Jane Ciantar, omm Fra Mark li tinsab rik-overata fl-isptar San Luqa.
- Albert Magro, missier Fra Stephen li ukoll jinsab l-isptar.
- Fra Alex Borg, OFM, li jinsab rikoverat fil-kunvent ta' Tas-Sliema.
- Fra Jack Grech, OFM, li jinsab fl-isptar San Vincenz de Paule. Saħħtu kompliet dejjem teħżien.
- Fra Arturu Azzopardi, OFM u Fra Nerik Cassar, OFM li jinsabu fid-Dar tal-Kleru.

---

## FESTI U BIRTHDAYS — F R A R

| | |
|---|---|
| 7. Fra Richard S. Grech | 2. Fra Ġuzepp Micallef |
| 10. Fra Pawl Galea | 7. Fra Alfred Tabone |
| Fra Paul Attard | 14. Mons. S. Magro |
| | 16. Fra Nerik Cassar |
| | 19. Fra Arturu Azzopardi |

*Awguri u Xewqat Sbieħ!*

L-AĦBAR

Kunvent Tal-Franġiskani
291, Triq San Pawl,
Valletta VLT 07
Tel. 21238218 Fax. 21231266
E-mail: provofm@vol.net.mt